

# Kwadru ta' Santa Katarina ma' San Ġwann Battista u San Pawl

Kitba ta' Mario Fenech

Kwadru interessanti li jinsab fil-mużew tal-Arti fil-Belt Valletta huwa dak li fih naraw tliet Qaddisin li l-Kult tagħhom fil-Gżejjer Maltin huwa wieħed ferm popolari u antik.

Għalkemm żgħir fid-daqs tiegħu (26 x 29 ċentimetru) dan il-Kwadru li huwa xogħol tajjeb li jagħtina eżempju klassiku tal-epoka Artistika Biżantina. Ma nafux min huwa l-awtur tiegħu iżda minn studji li saru nafu li dan jeħodna lura lejn is-seklu sittax.

Il-Qaddisin f'dan il-Kwadru għandhom isimhom miktub fl-ispazju li hemm 'il fuq minn rashom. Din l-użanza kienet popolari f'dan il-perjodu artistiku bħalma kienet l-użanza li dawn l-ispazji mhux meħuda mill-persunaġġi tal-Kwadru kien ikun ta' kulur dehbi.

Wieħed jista' jgħid li din il-kitba ma kienx hemm għalfejn wieħed jagħmilha għaliex it-tliet persunaġġi jintgħarfu mil-mod li huma ppreżentati bih f'dan ix-xogħol.

Santa Katerina tingħaraf mill-ilbies Sinjur tagħha u l-Kuruna ta' fuq rasha, filwaqt li fl-art ħdejn riġlejha l-leminija għandha r-Rota tal-Martirju. Mhux tas-soltu huwa l-fatt li hawnhekk il-Qaddisa narawha qiegħda taqra minn ktieb li qed iżżomm f'idejha flimkien mal-Kurċifiss. Santa Katerina kienet waħda minn dawk il-Qaddisin li l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann minn dejjem fittxew li jinkludu x-xbieha tagħha fl-Opri Sagra li kienu jikkummissjonaw lill-Artisti stabbiliti.

San Ġwann Battista għalkemm ma għandux l-ilbies tiegħu dak li tradizzjonalment narawh bih is-soltu, jintgħaraf mill-Bastun bil-kitba tat-Tħabbira tal-Feddej fuqha. Il-Ġisem immuskulat tiegħu huwa dak ta' raġel goff bħalma dejjem narawh f'xogħlijiet artistiċi. Dettal ieħor huwa graffit ta' wieħed mix-xwieni tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, li tagħhom dan kien il-Patrun. Dan il-Graffit jista' jkun indikazzjoni tajba li dan il-Kwadru huwa wieħed mill-Ex Voto li kienu jsiru bħala ringrazzjament wara xi wegħda li tkun saret għall-ħelsien minn xi għawġ kbir.

Lil San Pawl magħruf mix-xabla li qiegħed iżomm f'idu, għalkemm l-pożizzjoni hija xi ftit statika.

Meta wieħed jara lil dawn it-tliet Qaddisin kbar fil-Kwadru l-ħsieb tiegħu imur fuq il-fatt li dan ix-xogħol kien sar f'Malta. Dan iżda mhux il-kas, għaliex x'aktarx li dan il-Kwadru kien sar fil-Greċja u nġieb f'Malta mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Dawn kienu jafu kemm il-Maltin kienu devoti lejn dawn il-Qaddisin u xhieda ta' dan huma l-kwantità kbira ta' xbihat tagħhom li nsibu mxerrda mal-Gzejjer tagħna.

Il-Kwadru kien inxtara minn Kollezzjoni Privata mill-Istat fis-sena 1932.

Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

